**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 98/2015**

**Patri Lawrence Joseph Caruana SJ (KI 184726M) fil-kwalita' tiegħu ta' Prokuratur tal-Missjonijiet tal-Patrijiet Ġizwiti Maltin u għan-nom u in rapprezentanza tas-Soċjeta' ta' Ġesu' kif debitament awtorizzat.**
**(Dar Loyola, Triq il-Markis Giuseppe Scicluna, n-Naxxar)**

**vs**

**Vanguard Billiard Tables Limited (C2597)**
**(Vanguard House, Luqa Briffa Street Ġżira) u b'digriet tal-Bord tas-17 t' April 2018 ġie kjamat fil-kawża Fr. Alex Borg (KI 701255M)**

**Illum, 14 ta' Diċembru, 2018**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"1. Illi r-rikorrenti nomine jikri l-fond 5 Jetties Wharf, Marsa bil-kera ta' €965.61 fis-sena pagabbli mill-1 ta' Jannar ta' kull sena u dan bl-awmenti ai termini ta' l-Att X tal-2009.

2. Illi l-intimat ilu ma jħallas kera għall-imsemmi fond mill-1 ta' Jannar 2011 u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet għal ħlas tal-kera b'żewġ ittri uffiċjali tad-29 ta' April 2013 u tal-21 ta' Lulju 2015 u debitament notifikati ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kopji tagħhom huma annessi u mmarkati bħala dokumenti SJ2 u SJ3 pero' l-intimati baqghu inadempjenti.

3. Illi konsegwentement għal dan, inħarġu mandati ta' sekwestru esekuttivi numri 176/13 u 1610/15 fl-ismijiet 'Patri Gizwita Lawrence Joseph Caruana SJ nomine vs Vanguard Billiard Tables Limited' hawn anness u mmarkat bħala dokument SJ4 u SJ5 pero' sallum ebda depositu ma sar fir-reġistru ta' din il-Qorti.

4. Illi l-intimat huwa moruż ukoll fil-ħlas ta' erba' snin mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' DiċeMbru 2015 ammontanti għal €3,346.81 oltre imgħax legali u spejjeż legali.

5. Illi salv kull pretensjoni ghall-arretrati għall-ħlas ta' kera r-rikorrenti jezigi illi l-kirja tiġi tterminata u dan stante illi r-rikorrenti ilu għal dawn ix-xhur kollha ma jitħallas id-dritt ta' renumerazzjoni għall-kirja spettanti lilu waqt li l-intimat għadu qed igawdi l-fond tagħhom.

6. Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ jikkonkorru l-elementi stipulati mill-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jiġi deċiz bid-dispensa tas-smigħ billi l-konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni valida fil-liġi xi jressaq kontra t-talba tar-rikorrenti.

7. Illi r-rikorrenti jafu personalment il-fatti għal dak li jirriġwarda dak kollu premess.

8. Illi r-rikorrenti sa fejn jaf hu, l-intimat m'għandux difiża x'jagħti kontra t-talba ta' l-istess rikorrenti.

Għaldaqstant, l-esponenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensati mis-smigħ tal-kawża odjerna bil-proċeduri sommarji speċjali kif stabbiliti mill-Liġi a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, titlob lil dan l-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimati biex jidhru quddiem il-Bord fil-ġurnata u ħin kif stabbilit mill-istess Bord u f'każ li l-intimati ikun kontumaċi f'dik is-seduta, jew inkella jekk huma jonqsu milli juri f'dik is-seduta li jkollhom difiża li tiswa' u li tista tagħmel sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera għandu:

1. Tgħaddi ghas-sentenza dwar il-vertenza odjerna sommarjament u dan ai fini ta' l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna l-iżgumbrament mill-fond 5 Jetties Wharf, Marsa u dan stante illi l-istess intimat ilu ma jħallas arretrati tal-kera għal dawn l-aħħar erba' snin minkejja li ġie interpellat u kkundannat diversi drabi biex jagħmel dan sia bil-fomm u

bil-miktub u b'deċizzjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta).

3. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabli biex iħallas dawk id-danni bħala kumpens sad-data taċ-ċediment tal-fond li m'għandux ikun inqas minn €956.61 fis-sena għal perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 u kull żmien sussegwenti sa tali żgumbrament oltre l-ispejjeż tal-kontijiet tad-dawl u ilma saċ-ċediment tal-fond.

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas dawk id-danni għal xi kumpens sad-data taċ-ċediment tal-fond li m'għandhomx ikunu inqas minn €965.61 oltre kull żmien sussegwenti sa tali żgumbrament bl-awmenti ai termini ta' l-Att X tal-2009 u l-ispejjeż tal-kontijiet tad-dawl u ilma saċ-ċediment tal-fond.

Ra illi s-socjeta' intimata ma preżentat l-ebda risposta.

Ra illi l-kjamat in kawza Fr. Alex Borg ma prezenta l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-provi.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti talbu li (a) il-Bord jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigħ; (b) l-izgumbrament tas-socjeta intimata; (c)

dikjarazzjoni ghall-hlas ta' kumpens sad-data ta' cediment tal-fond u ta' l-ispejjeż tal-kontijiet tad-dawl u ilma saċ-ċediment tal-fond; (d) kundanna ghall-hlas ta' l-istess.

Illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bir-rikors u bid-digriet skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 26 sa 29 tal-process u bid-digriet u l-avviz tas-smigh skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 36 tal-process.

Illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2018 deher Fr. Richard Grech li ddikjara li ghandu l-prokura ta' Fr. Alex Borg li jinsab imsiefer u ghalhekk ta ruhu notifikat bil-kawza ghan-nom ta' Fr. Alex Borg.

Illi s-socjeta' intimata u l-kjamat fil-kawza ma prezentaw l-ebda risposta sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Illi pero s-socjeta' intimata dehret quddiem il-Bord tikkontesta t-talba fl-ewwel smigh tal-kawza fl-04 ta' Lulju 2016, wara li giet notifikata bl-avviz tas-smigh.

Illi s-socjeta' intimata rrilaxxjat ic-cwievet tal-fond fl-14 ta' Lulju 2016.

Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, minhabba t-trapass taz-zmien sabiex issir in-notifika tas-socjeta' intimata, din il-kawza hadet il-kors normali taghha u ghalhekk l-ewwel talba tinsab ezawrita.

Illi fir-rigward tat-tieni talba ghall-izgumbrament tas-socjeta' intimata, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2016, is-socjeta' intimata rrilaxxjat l-imsemmi fond. Il-partijiet qablu li c-cwievet tal-fond gew irritornati lir-rikorrenti u ghalhekk din it-talba ukoll tinsab ezawrita.

Illi fir-rigward tat-tielet talba u cioe' dikjarazzjoni ghar-responsabilita' tad-danni, u ghar-raba' talba ghall-hlas ta' tali danni ma ngabet l-ebda prova li r-rikorrent sofra xi danni. Mill-atti ma tirriżulta ebda prova ta' danni. Il-principju regolatur huwa illi min jallega irid jipprova.

Il-Prim Awla f'sentenza tal-**25 ta' Frar, 2016 Rik. Nru. 277/06 IKLIN LIMITED (C – 13432) Vs Nutar Pubbliku Mark Anthony SAMMUT** irreteniet hekk "*Illi fin-nuqqas ta' prova tad-danni, il-Qorti ma tistax tillikwida d-danni u lanqas jixraq li tgħaddi biex tistmahom arbitrio boni viri. Hi l-fehma tal-Qorti li f'dan il-kuntest ma tressqux provi biżżejjed dwar id-danni li setgħet sofriet Iklin. Il-piż tal-prova qiegħed fuqha u ġaladarba naqset milli tressaq provi sodisfaċenti, il-Qorti mhijiex ser tillikwida allegati danni. Il-kawzi jridu jigu deċiżi fuq fatti u mhux suppożizzjonijiet*".

Il-Prim Awla f'sentenza tal-**24 ta' Gunju, 2004 Citazzjoni Numru. 834/1999/1 Rosa SALIBA bħala użufruttwarja tal-wirt ta' Paul Saliba et vs Anthony SALIBA** irreteniet hekk "*Illi l-atturi ressqu wkoll talbiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni kawżati lilhom mill-imħarrek u għal dikjarazzjoni li l-imħarrek jaħti għal dawn id-danni. Ma nġiebet 'il quddiem l-ebda prova min-naħa tal-atturi dwar x'inhuma d-danni li ġarrbu u lanqas sar tentativ imqar ċkejken ta' likwidazzjoni tal-istess…….Għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-talbiet relattivi għall-kundanna u l-likwidazzjoni tad-danni minħabba nuqqas ta' prova tajba*".

Fin-nuqqas ta' ebda prova kwalsiasi fir-rigward, it-tielet u r-raba' talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabilita' u konsegwenti hlas ta' danni tar-rikorrenti ghalhekk qeghdin jiġu miċħuda.

Fit-tielet talba ntalbu wkoll "l-ispejjez tal-kontijiet tad-dawl u ilma saċ-ċediment tal-fond.". Illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta' intimata cediet il-fond fl-14 ta' Lulju 2016. Illi skond l-istatement esebit mir-rapprezentant tal-Arms Ruben Bonnici RB3, a folio 78 sa 83 tal-process, b'referenza partikolari a folio 83, il-bilanc dovut fis-07 ta' Lulju 2016, cioe' sebat ijiem qabel gie rilaxxjat il-fond kien ta' tmint elef u erba' mija u tnejn u tletin Ewro u disgha u sittin centezmu (€8,432.69). Mit-08 ta' Lulju 2016 sa 03 ta' Awissu 2016 kien hemm kont ta' mitt Ewro u disghin centezmu (€100.90) jigifieri ghall-perjodu ta' sebgha u ghoxrin (27) gurnata. Allura l-medja kull gurnata jigi tlett Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€3.73) kull gurnata li ghal sebat ijiem (mis-07 ta' Lulju 2016 sa l-14 ta' Lulju 2016 jigu sitta u ghoxrin Ewro u sittax il-centezmu (€26.16). Ghalhekk l-ammont totali dovut mis-socjeta' intimata huwa ta' tmint elef u erba' mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€8,458.85).

Ghaldaqstant il-Bord qieghed filwaqt illi jiddikjara l-ewwel u t-tieni talba ezawriti, jichad it-tielet talba in parte u jilqaghha in parte fir-rigward tal-ispejjez tad-dawl u ilma fl-ammont ta' tmint elef u erba' mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€8,458.85), u jichad ir-raba' talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwinti indivizi a karigu tar-rikorrenti u zewg kwinti indivizi a karigu tas-socjeta' intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur